IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**

**MINUTI tal-Laqgħa A 36**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija Itaqa' nhar**
**L-Erbgħa 4 ta' Diċembru 2013 fis-6.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |
| Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea | Membru |
| | |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A35**

1.01 Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A35 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. Il-minuti ġew approvati. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A35

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A35** — Punti li joħorġu mill-Minuti A35

2.01 2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat ir-rapport imħejji mill-perit dwar Triq is-Sirena u Triq tal-Marġa. Il-Kumitat qabel li għalissa jsir *extensive patching* u mill-*budget* tal-ewwel sitt xhur tas-sena d-dieħla jsir ir-*resurfacing* ta' dawn iż-żewġ toroq. — *Patching* f'Tas-Sirena

2.02 2.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li ma rċevejna l-ebda risposta dwar l-*istatistical report*. — Applikazzjoni mal-MEPA dwar bini ta' blokk appartamenti fi Triq Patri Tumas Xerri

2.03 4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-*litterbins* waslu u kienu se jiġu installati fil-jiem li ġejjin. — *Soft Area* u l-Bandli tal-Baħrija


8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

Is-Sur Anġlu Portelli ġibed l-attenzjoni li t-tabelli li r-roti mhux permessi li jidħlu fil-*playingfield*, għadhom ma twaħħlux.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-kuntratt il-ġdid tas-*soft area* daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru.

2.04 4.03 Is-Sur Anġlu Portelli informa l-laqgħa li s-servizz tal-knis l-għada tal-festa ta' San Martin beda tard wisq fil-ġurnata. Huwa talab li s-sena d-dieħla l-knis jibda minn filgħodu kmieni. Il-Kumitat qabel.

Servizz ta' knis

2.05 4.04 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li minflok gwardjan lokali kien tqabbad pulizija peress li mhux fil-kompitu tal-gwardjan lokali li joqgħod għassa mal-*playingfield.*

Servizz ta' gwardjan lokali

2.06 4.05 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li t-tabelli jinsabu ordnati.

Tabella tal-ħinjiet tal-ftuħ tal-latrina

2.07 4.06 Is-Sur Anġlu Portelli talab li dan il-*patching* isir mill-aktar fis possibbli minħabba li dawn il-ħofor komplew kibru.

*Patching* fi Triq is-Sajf ta' San Martin

2.08 4.07 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-perit għad irid imur fuq il-post.

*Embellishment* ta' Triq Raddet ir-Roti k/m Triq il-Karità

2.09 4.09.1 Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea infurmat il-laqgħa li l-pulizija ma bdewx jitolbu li jaraw il-karti tal-identità tas-sewwieqa, bil-konsegwenza li ġewwa l-Baħrija daħlu vetturi li mhumiex residenti u kien hemm problema kbira ta' parkeġġ.

Permessi għal waqt il-fiera ta' San Martin

Is-Sur George Attard ilmenta dwar il-fatt li ta' kull sena jsir ftehim minn qabel mal-pulizija u dan il-ftehim ma jiġix onorat dakinhar tal-festa.

Il-Kumitat qabel li s-sena d-dieħla għandha ssir laqgħa mal-Ispettur tal-pulizija f'Awwissu sabiex jiġu diskussi l-eżiġenzi tal-lokal dakinhar tal-fiera.

**3.00 Diskussjoni dwar il-finanzi**

3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-*accountant* tal-Kunsill sabiex jispjega l-*Management Accounts* għall-ewwel sitt xhur tas-sena u wara saret diskussjoni dwarhom.

Diskussjoni dwar il-finanzi

3.01.1 Ġie diskuss ukoll bejn il-membri preżenti pjan ta' ħidma għall-ewwel sitt xhur tas-sena d-dieħla.

3.01.2 Is-Sur Anġlu Portelli ppropona li jsir il-proġett ta' Triq Raddet ir-Roti peress li jkun hemm konfużjoni sħiħa waqt il-ħruġ u d-dħul tat-tfal mill-iskola primarja, speċjalment meta tkun ix-xita.
Il-Kumitat iddeċieda li peress li l-*budget* huwa limitat, minflok nitolbu lill-perit jagħmlilna diżinn, nitolbuh jagħtina stima ta' kemm jiġi jiswa dan il-proġett.

Il-proġett ta' Triq Raddet ir-Roti

3.01.3 Is-Sur Anġlu Portelli ppropona li fil-*budget* tas-sena d-dieħla jsir ir-*resurfacing* ta' Triq is-Sirena, Triq il-Ġnien tan-Nigra u Triq il-Marġa. Dawn huma l-eqdem żewġ toroq li jinsabu fil-Baħrija.

Resurfacing ta' Triq is-Sirena, Triq il-Ġnien tan-Nigra u Triq il-Marġa

**4.00 Komunikazzjoni mill-membri**

4.01 Is-Sur Paul Galea ġibed l-attenzjoni li l-ġbir tal-iskart qed isir fis-6.15 am minflok fis-7.00 am. Ġie deċiż li tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur sabiex iżomm mal-ħin stipulat fil-kuntratt.

Ġbir tal-iskart

4.02 Is-Sur George Attard issuġġerixxa li fil-Milied tas-sena d-dieħla nżejnu l-pjazza tal-Baħrija bid-dwal tal-Milied.

Tiżjied fi żmien il-Milied

4.03 Is-Sur Anġlu Portelli kkummenta dwar il-fatt li bqajna qatt ma ħadna risposta dwar id-drenaġġ. Hu qal li din il-problema qiegħda tkompli tikber peress li qegħdin jitqabbdu residenzi ġodda mal-fossa eżistenti.

Problema tad-drenaġġ fil-Baħrija

4.04 Is-Sur Paul Galea ppropona li l-ħofor li hemm perikolużi jingħatalhom il-*cold asphalt*. Is-Sur Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kumitat qabel unanimament.

*Patching* bil-*cold asphalt*

**5.00 Affarijiet Oħra**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li rċevejna talba mill-Kumitat tal-Ekoskola tal-Baħrija sabiex il-KA jisponsorjalhom *stands* tar-roti sabiex jitwaħħlu ġewwa l-iskola. Ġie deċiż li din it-talba ma tistax tiġi milqugħa minħabba li l-KA ma jistax jinstalla għamara fi proprjetà ta' terzi.

Talba mill-Kumitat tal-Ekoskola

5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-ikla tal-Milied għall-Kunsilliera, il-Kumitati Amministrattivi u l-Amministrazzjoni tal-Kunsill ta' din is-sena, kienet ser issir nhar il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru 2013 ġewwa La Giara Restaurant, il-Belt Valletta.

Ikla tal-Milied

5.03 Is-Sur Paul Grech talab li jiġu ordnati żewġ tabelli ġodda, waħda tal-Fiddien ta' ħdejn l-għajn tal-ilma u l-oħra li tinsab fil-Fiddien fil-parti t'isfel. Huwa għandu jieħu ritratt ta' dawn it-tabelli sabiex nerġgħu nordnaw bħalhom.

Bdil ta' tabelli tal-Fiddien

**6.00 Data tas-seduta li jmiss**

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 8 ta' Jannar 2014 fil-4.30 pm.

Aġġornament

6.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.20 pm.

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**